MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 13/2002/1

**Rapa Brothers Co. Ltd**

**vs**

**Socjeta` Cranes and Commercial Sales Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Marzu, 2004 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet li jigi dikjarat li s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 1 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet inversi hija nulla u bla effett in vista tal-fatt li s-socjeta' attrici odjerna baqghet ma gietx notifikata legalment bil-proceduri tal-kawza oltre li kien

hemm vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali u kostituzzjonali oltre li giet ottenuta permezz ta' qerq adoperata mill-odjerna socjeta' konvenuta flimkien mal-persuna notifikata minnha.

Inoltre t-talbiet in kwistjoni ilhom preskritti zmien twil liema punt ma giex sollevat mit-Tribunal kif kellha kull jedd li taghmel.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' valur jigi dikjarat li dan m'ghandux jeccedi s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. in linea preliminari n-nullita' ta' l-avviz billi l-procedura segwita mis-socjeta' attrici li permezz taghha qeghdha tigi attakkata d-decizjoni tat-Tribunal Ghal talbiet Zghar (Ghawdex) tal-1 ta' Lulju 2002 la hija kontemplata taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 380 u lanqas taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. In linea preliminari ukoll u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nuqqas ta' kompetetenza ta' din l-Onorabbli Qorti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fil-para. (b) ta' l-artikolu 741 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fil-meritu, it-talba attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici;

4. Illi l-atti ta' l-Avviz numru 50/2001 li sar quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) gie notifikat skond il-ligi u mhux biss ma gietxipprezentata nota ta' l-eccezzjonijiet mis-socjeta' attrici izda talli fil-kawza kien deher ukoll wiehed mid-diretturi ta' l-istess socjeta' li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-istess socjeta' u kkontesta t-talba.

5. Illi l-mertu tal-kaz quddiem it-Tribunal ma kienx preskritt billi mill-provi kien hemm rikonoxximent tad-debitu minn wiehed mdi-diretturi ta' l-istess socjeta' li kien hu li ghamel l-ordnijiet ghand is-socjeta' konvenuta fl-interess tas-socjeta' attrici u spjega li ma kienx ssalda l-kont minhabba xi kwistjonijiet interni li kienu nqalghu bejnu u d-direttur l-iehor fil-kumpanija attrici.

6. Salvi eccezzjonijiet ultrjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti allegati kif ordnat fil-5 ta' Novembru 2002 u skond il-verbal ta' dik l-udjenza (folio 9);

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Ottubru 2003 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet bil-fakolta li jsiru noti ta' osservazzjonijiet;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

Ikkunsidrat:

Is-socjeta' attrici qeghdha b'din il-kawza tittanta tannulla decizjoni moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar tal-1 ta' Lulju 2002. Erbgha huma r-ragunijiet fuq liema hi qeghdha tibbaza it-talba taghha. Dawn huma:

(a) li s-socjeta' attrici odjerna baqghet ma gietx notifikata legalment bil-proceduri tal-kawza;

(b) li kien hemm vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali u kostituzzjonali;

(c) li giet ottenuta permezz ta' qerq adoperata mill-odjerna socjeta' konvenuta flimkien mal-persuna notifikata minnha;

(d) li t-talbiet ilhom preskritti.

Illi din il-Qorti halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet promossi mis-socjeta' konvenuta li huma fit-termini li l-kawza ttentata hija mproponibbli stante

li la l-Kap 380 u lanqas l-Kap 12 (b'referenza ghall-istitut tar-ritrattazjoni) ma jippreveduha; u oltre li hemm nuqqas ta' kompetenza '*ratione materiae'* ta' din il-Qorti skond l-Artikolu 741(b) tal-Kap 12.

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza li tat origini ghal din il-kawza u taqbel li din il-kawza m'hijiex proponibbli izda ghar-raguni li sejra hawn tispjega u li hi qeghdha tissolleva 'ex officio'.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti m'hemmx dubbju li l-kawza tat-Tribunal ghaddiet in gudikat u kienet tirrigwarda l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess kawza petendi. Il-principju li, l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss mill parti li kellha tiddiskutih in sostenn tad-domanda jew l-eccezzjonijiet, jinsab ben assodat fil-gurisprudenza. Kwindi m'hijiex sostenibbli din l-azzjoni la darba l-oggett tad-domanda, l-kawza petendi u l-persuna jibqghu l-istess billi kontra t-talba hemm l-ostakolu tar-'*res judicata'* li timpedixxi l-*'bis in idem'*. Hu ben assodat gurisprudenzjalment, kif qalet il-*Qorti tal-Appell* fil-kawza "*Antonio Dagri v Emmanuele Dingli" (deciz 27 ta' April 1953),* li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien messha jew setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess. Mhux lecitu allura li l-attur odjern jerga' jipproponi l-istanza biex jinnewtralizza d-decizjoni precedenti billi jgib provi li kien jaf bihom u li seta' u messu giebhom fil-kors tal-process l-iehor.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-azzjoni attrici hi ghalhekk improponibbli fuq daqshekk u ma tarax l-utilita' li tapprofondixxi aktar.

Qeghdha ghalhekk tiddikjara l-azzjoni attrici bhala nsostenibbli u nulla u konsegwentement qeghdha tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici."

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha b'rikors introdott fil-15 ta' April

2004. L-appell taghha hu bazata prettament fuq kwestjoni ta' ligi. Kif tissottometti s-socjeta` appellanti, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li una volta s-sentenza tat-Tribunal ghaddiet in gudikat din ma setghetx tigi aktar attakkata. Hi invece tikkontendi illi sentenza li tkun giet ottenuta bi 'fraus' u b'abbuz hi opponibbli dejjem u dan permezz ta' azzjoni 'ad hoc'.

Qabel xejn jinhass il-bzonn li jigu esposti brevement dawn l-elementi li jirrizultaw mill-inkartament tal-process:-

(1) B'sentenza tal-1 ta' Lulju 2002 is-socjeta` Cranes & Commercial Sales Ltd, konvenuta f'din il-kawza, giet kanonizzata mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar kreditrici tal-attwali socjeta` attrici fis-somma ta' elf mitejn u dsatax il-lira Maltija (Lm1219.00).

(2) Fid-9 ta' Awissu 2002, s-socjeta` attrici, sokkombenti f'dak il-gudizzju, introduciet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-prezenti azzjoni fejn talbet illi s-sentenza precitata tigi dikjarata nulla u bla effett. Ir-ragunijiet addotti minnha gew maghmula jikkonsistu illi hi ma gietx legalment notifikata bl-atti tal-kawza l-ohra aggudikata u dippju kien hemm fil-konfront taghha lezjoni tal-principji ta' gustizzja naturali oltre raggiri adoperati mis-socjeta` konvenuta.

(3) Bis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2004, issa appellata, l-ewwel Qorti kienet hemm irriteniet illi, kif koncepita, l-azzjoni attrici kellha titqies improponibbli.

Mill-premessi fatti u aggravji, jidher evidenti illi, kif rilevat mis-socjeta` appellata fir-risposta ta' l-appell, is-socjeta` attrici appellanti qed tittanta tirravvivi l-istitut tar-"restitutio in integrum" kontra s-sentenza tat-Tribunal li ghal kull effetti ghaddiet in gudikat. Materja bhal din mhiex xi 'noviter deductus'. Effettivament il-gurisprudenza taghna jidher li indirizzat sew dan il-punt u ddecidietu b'konsiderazzjonijiet li bl-ebda mod ma jissuffragaw l-argoment dedott mis-socjeta` appellanti fir-rikors tal-appell taghha u minnha sottomess ukoll fid-dibattitu orali.

Hekk jibda biex jigi espost il-punt legali hawn ezaminat b'referenza ghad-decizjoni inedita fl-ismijiet "**Leone Misrahi -vs- Giuseppe Cassar et**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Lulju 1965, fejn proprju fiha nsibu traccjati aspetti ferm interessanti riferibilment ghall-istitut tar-restitutio in integrum u tal-abrogazzjoni tieghu. Minnha din il-Qorti qed tislet dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ir-restitutio in integrum bhala istitut indipendenti ta' impunjazzjoni ta' sentenza definittiva gie abolit meta fis-sistema tal-ligi taghna gie organizzat l-istitut tar-ritrattazzjoni. Dak l-istitut kien applikat in bazi ghal dak li kien konsiderat il-"jus commune" taghna, cjoe, tad-Dritt Ruman kif modifikat minn ligijiet u konswetudinijiet partikolari u nfluwenzat mid-Dritt Kanoniku.

(2) Bis-sahha tal-Ordinanza IV ta' l-1854 gie introdott it-Titolu "Dalla Retrattazione di Sentenze" fejn gew specifikati l-kazijiet li fihom biss is-sentenza li jkunu ghaddew f'gudikat setghu jigu ritrattati u revokati. Titolu dan ulterjorment emendat bl-Ordinanzi XI ta' l-1859 u IX ta' l-1886. Minn dak iz-zmien 'l hawn ma jidherx illi qatt ir-rimedju tar-restituzzjoni kontra sentenza gie akkordat jew imqar tentat.

(3) Fondamentali f'din is-sentenza hi r-riflessjoni illi bis-sahha tal-ligijiet il-godda r-rimedju tar-restituzzjoni kellu jitqies abolit bhala kuntrarju u nkonsistenti mar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Intqal a propozitu "Del resto anqas jidher li jaghmel sens illi l-ligi mill-banda l-wahda tghid (kif jghid l-artikolu 816 (illum art. 813) tal-Kodici ta' Procedura) illi r-ritrattazzjoni ma tinghatax <u>hlief</u> ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 814 (illum 811) u tistabilixxi z-zmien perentorju li fih ir-ritrattazzjoni tista' tintalab, u fl-istess hin, wiehed jippretendi mill-banda l-ohra illi b'dana kollu, sentenzi jistghu jigu revokati u l-kawzi ritrattati f'kazijiet ohra wkoll indeterminati meta suppost ikun hemm "gusta kawza" u bla regolament la ta' forma u l-anqas ta' zmien u dan b'rimedju iehor li, ghal kull effett u fini prattiku, m'hux hlief ritrattazzjoni b'isem iehor".

Jidher li din l-enuncjazzjoni twiegeb sew l-argoment sottomess mis-socjeta` appellanti illi, skond kif intiz minnha, id-dritt ta' azzjoni taghha jemani minn principju fundamentali u mhux minn xi artikolu partikolari tal-ligi. Argoment dan anti-guridiku u li, kif manifest, hu ghal kollox kuntrarju ghall-interpretazzjoni moghtija fl-accennata sentenza.

Dejjem linearjament mal-kostatazzjonijiet storici u guridici maghmula f'dik id-decizjoni jidher, b'illustrazzjoni ta' xi sentenzi, illi l-Qrati taghna ssoktaw isegwu l-principju direttiv fuq il-punt kardinali hawn involut:-

(1) "**Caterina Gerada –vs- Avv. Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1973: "Meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenzi, anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati huma ma jibqghalhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-presunzjoni tal-verita`, li ghandha jkollha setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta' nullita`, peress illi l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba".

(2) "**Martin Farrugia –vs- John Mifsud et**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996. Fiha gie deciz illi l-azzjoni ghan-nullita` tas-sentenza hi manifestament insostenibbli. "L-attur infatti qed jittanta procedura gdida li l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma jikkontemplax u ma jippermettix bhala rimedju kontra l-allegat difett fil-proceduri quddiem Qorti ta' revizjoni ….. L-uniku rimedju straordinarju li l-ligi ta' procedura tikkontempla ghar-revizjoni ta' sentenzi li ghaddew in gudikat huwa l-istitut tar-ritrattazzjoni li jippermetti s-smiegh mill-gdid tal-kawza f'kazijiet specifici".

(3) "**Salvina Bugeja -vs- Paola Azzopardi et**", Appell, 19 ta' Gunju 2001. Fiha wkoll l-attrici ittantat tottjeni mill-Qorti r-restitutio in integrum. Intqal illi, apparti r-rimedju tar-ritrattazzjoni, "ma kien accessibbli ghall-parti l-ebda rimedju iehor biex jikkontesta gudikat, kemm tal-prim'istanza u kemm fi grad ta' appell, u jekk il-parti

tonqos li tuzufruwixxi mir-rimedji anke straordinarji – bhal ma hu r-rimedju tar-ritrattazzjoni – lilha offerti mil-ligi ma tkunx tista’ tirrikorri ghal strategammi procedurali ohra li gew espressament imnehhija proprju bl-introduzzjoni tar-rimedju straordinarju”.

Pertinenti wkoll ghall-meritu tal-kawza odjerna hi din l-osservazzjoni rakkolta mis-sentenza tal-Prim’Awla, Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “**Salvatore Fenech -vs- Emmanuele Borg**”, 3 ta’ April 1962:

“Jekk sentenza tinghata meta l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, r-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b’kawza ohra n-nullita` ta’ dik is-sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni”.

Gja qabel din kien gie ravvizat illi anke sentenza kuntrarja ghall-istess ligi jew pronunzjata minn imhallef inkompetenti, meta ma tkunx tista’ tigi aktar ritrattata, takkwista awtorita` ta’ res judicata.  Ara f’dan is-sens decizjoni fl-ismijiet “**Carmelo Cassar Parnis -vs- Gustavo Soler noe**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 11 ta’ Marzu 1949.

Precizati dawn l-aspetti guridici tat-tematika, huwa ovvju mill-kontenut tal-avviz illi s-socjeta` appellanti ma adoperatx ir-rimedju tar-ritrattazzjoni izda ghazlet minflok azzjoni mhux kontemplata mil-ligi taghna u li certament tikkozza mal-enuncjazzjonijiet fuq esposti.  Dan igib allura illi l-aspett legali tal-kaz, anke jekk mhux b’mod approfondit, gie korrettement valjat mill-ewwel Qorti u mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddissenti mir-ragonament u l-konkluzjoni zvolti fiha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata.  L-ispejjez gudizzjarji anke ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------